**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com

**IL-ĦADD, 16.1.11: IT-TIENI ĦADD MATUL IS-SENA**

**JUM L-ART IMQADDSA**

Illum ikun hawn fostna l-Patrijiet Franġiskani li jieħdu ħsieb il-postijiet qaddisa fl-Art Imqaddsa.
Il-ġbir li jsir llum fil-knisja ikun kollu għall-Missjoni ta' dawn il-Patrijiet fl-Art Imqaddsa.

**GĦOTI TAD-DEMM**

Illum min jixtieq jagħti d-demm iċ-Ċentru tad-demm fl-isptar se jkun miftuħ bejn it-8.00a.m. u s-1.00p.m.
Min imur irid jieħu miegħu l-Karta ta' l-Identita'

**IT-TLIETA, 18.1.11:** Illum tibda il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara.
Nagħmel appell biex speċjalment f'dawn il-ġranet nitolbu bil-qalb sabiex iseħħ din l-għaqda tant mixtieqa.

**IL-ĠIMGĦA, 21.1.11: JUM L-ISQOF**

Fl-okkażjoni tal-5 anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Isqof Mario Grech, fid-djoċesi tagħna se jinżamm Jum l-Isqof bl-iskop li ngħinuh bit-talb u l-kollaborazzjoni tagħna fit-tmexxija tal-merħla afdata f'idejh.
Għalhekk barra t-talb li se jsir fil-knisja għal dan l-iskop inħeġġeġ biex anke personalment nitolbu għall-Isqof tagħna.
**Fis-6.00p.m.** Mons Isqof se jmexxi konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb taċ-Ċawla.

**DUTTRINA TAT-TFAL**

It-Tfal li jattendu id-duttrina filgħodu, illum se jkollhom il-quddiesa fil-knisja li tkun fit-7.45a.m.
Għalhekk it-tfal huma mitluba li jiġu l-knisja.

**IS-SIBT,22.1.11: TIFKIRA TA' SAN PUBLJU PRINĊEP TA' MALTA.**
**IL-ĦADD 23.1.11: IT-TIELET ĦADD MATUL IS-SENA.**

## KORS GĦAL-LETTURI U ANIMATURI.

Illum il-Ħadd 16 ta' Jannar, fil-parroċċa tagħna se nibdew Kors għal-Letturi u Animaturi tal-quddies tal-Ħadd.
Dan se jkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali u jibda wara l-quddiesa ta' l-10.30a.m.
Nistieden lil-Letturi kollha u Animaturi, u anke saċerdoti biex jieħdu sehem fiħ, ħalli l-kelma ta' Alla inwassluha b'mod dejjem aħjar u b'dinjita'

**LAQGĦA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

Nhar is-Sibt, 22 ta' Jannar se jkun hemm laqgħa għaż-Żgħażagħ kollha fiċ-Ċentru Parrokkjali.
Il-Ħin se jkun fis-7.30p.m.
Se jkellem liż-Żgħażagħ Dun Raymond Portelli min-Nadur li huwa missjunarju fil-Peru'. Wara li jagħti l-esperjenza tiegħu, f'dan il-pajjiż, iż-żgħażgħ ikunu jistgħu jagħmlu xi mistoqsijiet lil Dun Raymond.
Nistieden liż-żgħażagħ kollha biex jieħdu sehem.

**MISSJONI F'ŻONA FIL-PARROĊĊA.**

Il-parroċċa qed tħejji programm biex issir Missjoni Żgħira f'Żona tal-Parroċċa.
Id-Dati se jkunu mis-27 ta' Frar sal-4 ta' Marzu.
Id-dettalji jingħataw iktar tard.

**MOBILES**

Min għandu mobiles hżiena ecc u jixtieq jagħtihom għall-Missjoni fl-Afrika, iġibhom fl-Uffiċċju parrokkjali.